MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2012

Numru. 110/2008

**Il-Pulizija**
**(Spett. Pierre Grech)**

**vs.**

**Aimen Said Giali El Baden**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Aimen Said Giali El Baden, iben Said u Fatima nee Bakush, imwieled Tripoli, Libja, fl-14 ta' Ottubru 1980, u residenti fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Passaport Libjan A877487,

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 ta' Marzu 2005 fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin (CCF) Rahal Gdid u fil-jiem ta' qabel:

a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li kienu juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

b) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

c) Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, fis-7 ta' Marzu 2005, bhala persuna detenuta gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita legittima, dahhal jew ppruva iddahhal f'xi parti tal-konfini ta' Habs, u cioe fil-Facilita Korrettiva ta'

Kordin, oggetti ikun li jkun u specifikatament medicina perikoluza (droga herojina), liema oggett huwa projbit u dan bi ksur tal-artikolu 7(1), (2) tal-Kap. 260 tal-Kap.260 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, u il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2012, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kif dedotti kontrih, fil-prezenza tal-avukati difensuri tieghu. Din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u partikolarment li l-imputazzjonijiet jwasslu ghal piena massima ta' 11-il sena u tliet (3) xhur habs u multa ta' eluf ta' Euro, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet t-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

**Htija**

Illi mill-provi migjuba - u mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**Piena**

Ghall-fini tal-piena, il-Qorti ikkunsidrat li l-imputazzjonijiet (a) u (c) huma assorbiti fl-imputazzjoni (b) ai termini tal-Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9, stante li servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ta' traffikar tad-droga eroina fil-habs.

Fil-kaz odjern, l-ewwel seduta f'dan il-kaz inzammet fis-27 ta' Gunju 2008. Bejn din id-data u l-10 ta' Ottubru 2012 – meta l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu – inzammu diversi seduti, fejn il-prosekuzzjoni ressqet numru sostanzjali ta' xhieda u provi. Ghaldaqstant, l-ammissjoni tal-hati mhix wahda bikrija, u l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u l-hin u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra ammissjoni, meta l-prosekuzzjoni kienet waslet biex tghalaq il-provi taghha.

Hija hadet ukoll in konsiderazzjoni li skont ix-xhieda tal-ispizjar Mario Mifsud[1] l-ammont ta' droga in kwistjoni kien ta' 0.55 grammi eroina li kellha purita ta' circa 33%. B'sentenza moghtija illum stess kontra l-imputat, l-imputat instab hati ta' traffikar fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin ta' 0.066 grammi eroina, b'purita ta' 27.3%. Ghalhekk fil-kaz odjern, l-imputat ittraffika circa 8 darbiet aktar droga milli ittraffika fil-kaz deciz bis-sentenza l-ohra deciza kontrih fis-sentenza l-ohra. Inoltre l-purita tad-droga fil-kaz odjern hija ta' cirka 5% ghola minn mid-droga li kienet tifforma l-meritu tas-sentenza l-ohra. Din id-differenza fl-ammont ta' droga ghandha tigi riflessa fil-piena.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni il-fedina penali tal-imputat. Ghalkemm fiha hemm tlett (3) kundanni minn dawn il-Qrati, tnejn minnhom huma ta' natura serja, wiehed minnhom ta' omicidju volontarju.

## Konkluzjoni

[1] A fol. 17 tal-process.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kapitolu 260 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta' sentejn u sitt xhur prigunerija effettiva – li minnhom irid jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li hawn instab hati taghhom - u multa ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) li ghandha tithallas minnufih. Jekk il-hati jonqos li jhallas l-ammont dovut bhala multa, jew xi bilanc minn dan l-ammont, il-multa ghandha tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre tordna lill-hati jhallas nofs l-ispejjez relattivi mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------